MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 138/2006

**Perit Teddie Busuttil**

**-vs-**

**Charles Cordina**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent iddikjara:

1. illi huwa gie inkarigat mill-intimat Charles Cordina sabiex ihejji l-pjanti relattivi ghall-kostruzzjoni ta' erba' maisonettes, tmien (8) flattijiet u sittax (16)-il garaxx fuq porzjon raba fi Triq il-wiehed u tletin ta' Marzu, Rabat, Ghawdex kif ukoll li jiehu hsieb jissottometti l-applikazzjonijiet necessarji ma' l-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar ghal dan il-progett, jissorvelja l-andament tax-

xoghol ta' kostruzzjoni u jaghmel dak kollu li huwa ancillari ma' dan l-inkarigu, inkluz ukoll kejl tal-gebel u konkos li ntuza tul il-fazi ta' kostruzzjoni.

2. illi r-rikorrenti, dejjem fuq inkarigu ta' l-intimat, ippresta wkoll is-servizzi professjonali tieghu in konnessjoni ma' proprjeta' ohra ta' l-intimat;

3. illi l-hlas totali dovut lill-esponenti ghal dan ix-xoghol kollu lahhaq ammont ta' tmint elef hames mija u tlieta u hamsin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm8553.82), VAT inkluza, hekk kif jirrizulta mill-kont imhejji mir-rikorrenti u spedit lill-intimat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006), hawn anness bhala Dokument A;

4. illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li saru mir-rikorrenti, kemm b'mod verbali kif ukoll bil-miktub, inkluz bl-ittra interpellatorja datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006), hawn annessa ma' dan ir-rikors bhala Dokument B, u minkejja diversi promessi da parti tieghu, l-intimat naqas li jhallas l-ammont dovut lir-rikorrenti.

Talab li dina l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmint elef hames mija u tlieta u hamsin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm8553.82) rapprezenanti hlas ghal xoghol imwettaq u servizzi moghtija mir-rikorrenti fuq struzzjonijiet u fl-interess ta' l-intimat Charles Cordina, bl-interessi relattivi b'effett mid-data tat-tmienja u ghoxrin ta' Gunju 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

2. tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien ma' l-interessi relattivi;

3. bl-ispejjez ta' dina l-kawza nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-tlieta u ghoxrin ta' Awissu 2006.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat id-dokumenti u l-lista tax-xhieda prezentati ma' dan ir-rikors.

Rat illi minkejja li l-intimat gie debitament notifikat b'dan ir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smiegh ghas-seduta tal-lum, dana baqa' kontumaci u lanqas ma deher fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007.

Semghet lir-rikorrenti jiddikjara fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 illi l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu u spjega wkoll kif wasal ghall-ammont minnu reklamat f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Fic-cirkostanzi;

Il-Qorti;

Taqta' u tiddeciedi r-rikors billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara lill-intimat  sabiex ihallsu s-somma ta' tmint elef hames mija u tleit au hamsinliri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm8,553.82) rapprezentanti hlas ghal xoghol imwettaq u servizzi moghtija lir-rikorrenti fuq struzzjonijiet u fl-interess ta' l-intimat Charles Cordina, bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez ta' dina l-kawza nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-tlieta u ghoxrin ta' Awissu 2006 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------